**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Gimgha 23 ta' Novembru 2001

Citazzjoni numru 1378/98 AJM

Kawza numru

Dr. David Camilleri bhala prokuratur ta' l-assenti Alessandro Zaninelli

vs

Players'Coaches Complaints Board tal-Malta Football Association u l-Malta Football Association

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-25 ta' Gunju 1998 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi Hamrun Spartans F.C. istitwew proceduri kontra l-attur fil-konvenuta Players/Coaches Board tal-Malta Football Association u fil-fatt ottenew decizjoni mill-istess board kontra l-attur fil-11 ta' Lulju 1995; illi kienu gew iffissati zewg seduti mill-konvenuta Players/Coaches Complaints Board fil-31 ta' Mejju 1995 u fil-11 ta' Gunju 1995; illi l-attur qatt ma gie notifikat b'dawn il-proceduri u

konsegwentement qatt ma deher fl-istess; illi sussegwentement il-Bord konvenut ghadda biex jghati d-decizjoni kontra l-atturi fil-11 ta' Lulju 1995 skond liema decizjoni l-attur ghandu jhallas lil Hamrun Spartans F.C. is-somma ta' Lit.32,350,000; illi l-attur ma inghatax il-fakolta li jinstema' quddiem l-istess Bord u ghalhekk din id-decizjoni fuq imsemmija hija nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi peress illi giet ottenuta bi ksur tal-principju tad-dritt naturali ta' l-Audi alteram parte; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara illi d-decizjoni tal-konvenuta Players/Coaches Board tal-Malta Football Association tal-11 ta' Lulju 1995 kontra l-attur giet ottenuta bi ksur tal-principju tad-dritt naturali ta' l-audi alteram parte u kwindi l-istess diczjoni hija nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjes u l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenuti ppresentata fl-20 ta' Lulju 1998 li permezz taghha eccepew:-

1. Illi l-konvenuta Players/Caches Complaints Board mhiex il-legittima kontradittrici u ghandha tigi lierata mill-osservanza tal-gudizzju u dana stante illi dana huwa bord kostitwit mill-Malta Football Association sabiex jiddeciedi b'mod indipendenti u imparzjali kwistjonijiet referuti lilha mill-membri taghha, jew minn players u jew coaches impjegati mall-membri taghha u ghaldaqstant ma ghandha ebda locus standi f'dawn il-proceduri.
2. Illi l-proceduri istitwiti mill-attur huma nulli stante illi huwa kellu dritt ta' appell mid-decizjoni mehuda mil-Players/Coaches

Complaints Board liema dritt huwa ma ezercitax u ghaldaqstant ma gewx ezawriti r-rimedji kollha a disposizzjoni tal-istess Alessandro Zaninelli.

3. Illi l-allegazzjoni ta' l-attur illi huwa ma giex notifikat bis-seduti ffissati mill-Players/Coaches Complaints Board mhiex korretta u dana peress illi l-korrispondenza dwar dan il-kaz u kaz iehor ta' l-istess attur kienu jintbghatu lill-Avukat Dr. Tonio Micallef Trigona li kien ir-rappresentant legali tieghu f'Malta u bis-seduta mizmuma kien dejjem gie nfurmat l-istess Dr. Micallef Trigona u dana kif sejjer jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

4. Illi d-decizjoni mehuda mill-Players/Coaches Complaints Board mhiex vizjata b'xi ksur ta' principju tad-dritt naturali u dana stante li l-attur u/jew ir-rappresentant legali tieghu inghataw l-fakolta' kollha illi jinstemghu quddiem il-Players/Coaches Complaints Board u ghaldaqstant ghandha tigi kunsidrata valida ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Novembru 1998 meta giet mahtura Dr. Maria Dolres Gauci bhala assistent gudizzjarju biex tigbor il-provi tal-partijiet.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-28 ta' Mejju 2001 meta, wara li l-assistent gudizzjarju ddikjarat li espletat l-inkarigu taghha, il-kawza giet imhollija ghas-sentenza bil-fakolta' tan-noti ta' osservazzjonijiet.

Rat in-noti tal-kontendenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-attur kien impjegat mal-Hamrun Spartans F.C. bhala goalkeeper b'kuntratt definit. Fil-pendenza tal-kuntratt jidher li inqala xi disgwid bejn l-Club u l-attur u dana wara li ma kienx hareg biex jilghab fit-tieni 'half' ta' partita partikolari gie mizmum responsabbli ghad-danni mill-Club tieghu a termini tal-istess kuntratt ta' impieg. Gara izda li l-attur Zaninelli telaq minn Malta u l-kaz, kif jirrikjedu r-regolamenti tal-Malta Football Association, tressaq quddiem il-'Players/Coaches Complaints Board' ghad-decizjoni.

Effettivament kien hemm zewg decizjonijiet. Wahda li kienet tikkoncerna t-talba ta' l-attur ghall-kumpens fl-ammont ta' Lit74,350,000 rappresentanti il-bilanc dovut fuq il-kuntratt, spejjes ta' biljetti ta' l-ajru u penali dovuta skond il-klawsola numru 6 tal-kuntratt. B'decizjoni tal-11 ta' Jannar 1995 gie deciz li kien l-attur li kien kiser il-kuntratt tal-impieg, li ghalhekk kellu jbati penali ekwivalenti ta' xahar u li ma kellu ebda dritt ghall-ispejjes tal-air tickets billi makienx ta' pre-avviz. Finalment gie deciz li l-Club kellu jhallsu xharejn paga. Wara appell interpost mill-attur id-decizjoni giet kkonfermata.

F'laqgha sussegwenti mizmuma mill-Players/Coaches Complaints Board fil-31 ta' Mejju 1995 bdiet tigi kunsidrata t-talba tal-Hamrun Spartans F.C. li giet determinata fil-11 ta' Lulju 1995 meta l-Bord accetta '*in toto'* din it-talba u ordna li l-attur jhallas lill-Club is-somma ta' Lit32,350,000.

Jidher li ma hemmx ilmenti da parti ta' l-attur dwar l-ewwel decizjoni, izda fir-rigward tat-tieni decizjoni qed isostni li din ghandha tigi kunsdrata nulla u bla effett inkwantu ottenuta bi ksur tad-dritt naturali tal-*audi alteram partem.* Dan qed jinghad billi, skond l-attur, huwa ma giex notifikat bil-proceduri imsemmija u ma inghatax l-opportunita' li jressaq d-difiza tieghu u jghati spjegazzjonijiet dwar il-kaz.

Ikkunsidrat:-

Ghandu jinghad qabel xejn illi jidher li z-zewg decizjonijiet fuq imsemmija kienu konsegwenza ta' process wiehed u cioe l-hekk imsejha "Tilwima bejn il-Player Alessandro Zaninelli u Hamrun S. F.C." Dan billi kien hemm ghad-decizjoni tal-Bord sew talba tal-istess Zaninelli ghall-kumpens minnu reklamat, kif ukoll talba, ossia kontro talba tal-Club ghall-danni.

Il-proceduri in kwistjoni gew promossi mill-Club li ressaq l-ilment ossia talba tieghu ghall-kunsiderazzjoni tal-Bord fis-seduta tal-4 ta' Awissu 1994. F'dik l-udjenza jirrizulta li l-attur jew rapprezentant tieghu ma kienux prezenti ghalhekk "il-Bord iddecida li jinforma lill-player in kwestjoni li jekk irid jahtar rappresentant, jinforma lill-M.F.A. sabiex jigi mghajjat f'xi seduta ohra."

Jidher li wara din l-inizzjativa tal-Bord gie mahtur Dr. Tonio Micallef Trigona bhala "*prokuratur"* ta' l-attur biex jirrapresenta lill-istess fil-proceduri imsemmija. Effettivament Dr. Micallef Trigona attenda s-seduta tas-27 ta' Ottubru 1994 u wara li inqraw diversi ittri li kienu intbghatu mill-Club u anke mir-rappresentant tal-attur u anke sar sottomissjonijiet da parti tal-Club, is-seduta giet differita fuq talba ta' D.

Micallef Trigona billi ried jistudja l-kaz u anke jara l-implikazzjonijiet tal-Artikolu 6 tal-Kuntratt ta' impieg.

Fis-seduta tal-21 ta' Dicembru 1994 jidher li ma kienx hemm 'quorum' u ghalhekk din giet differita. Izda fis-seduta tal-11 ta' Jannar 1995 meta kien prezenti Dr.Micallef Trigona in rappresentanza ta' l-attur, saru s-sottomissjonijiet fit-tul miz-zewg partijiet u anke giet ezebita 'FAX' tal-konsulent legali taljan tal-attur bid-dettalji kollha tal-kaz. Il-Bord f'dik l-okkazzjoni ddecida bil-mod kif fuq riportat izda bazikament wasal ghal konkluzzjoni li kien l-attur li *kiser il-kuntratt* ta' impieg.

Din id-decizjoni giet appellata mill-attur izda konfermata mill-Bord ta' l-Appell. Fl-udjenza tal-Bord tal-31 ta' Mejju 1995 it-tilwima bejn l-Hamrun Spartans u l-attur reget tpoggiet fuq l-agenda u Dr. Micallef Trigona, ghalkemm infurmat b'din is-seduta, baghad jinforma lill-Bord li hu ma setghax jattendi, skond ma irraporta s-segretarju tal-istess Bord, billi ried jikkonsulta lill-Avukat Taljan. F'dik l-okkazzjoni l-Bord illimita ruhu li jaqra d-decizjoni tieghu precedenti u dik tal-Bord tal-Appell izda billi kien jidher li "l-Avukat ta' A. Zaninelli ma kellux kopja tal-ittra ta' Hamrun Spartans" li kien fiha l-'claim' tal-istess club, gie deciz li "kellha tintbaghad kopja tal-ittra lill-Avukat u f'kaz jinstema' f'seduta ohra."

Fl-udjenza tal-11 ta' Lulju 1995, ghal liema jidher li Dr. Micallef Trigona kien avzat skond ma jidher mill-ittra tal-Malta Football Association tat-2 ta' Lulju 1995, l-istess Dr. Micallef Trigona rega ma deherx. Kien ghalhekk li f'dik l-okkazzjoni l-Bord ghadda biex jiddecidi fuq it-talba tal-Hamrun Spartans F.C. billi ukoll laqgha l-istess talba u kkundanna lill-attur odjern jhallas l-amont fuq indikat.

Ikkunsidrat-

Mil fuq espost jidher li fl-ewwel lok il-presenza tal-attur proprio fil-proceduri fuq imsemmija ma kienetx tant mehtiega nkwantu Dr. Micallef Trigona ma kienx semplicement difensur tieghu izda, kif jghid l-istess attur, fl-affidavit tieghu, dan kien gie mahtur bhala prokuratur specjali tal-assenti Zaninelli. Ghalhekk, ghal kull buon fini, kull meta deher Dr. Micallef Trigona dan kien qeghed jaghmel hekk bhala parti fil-kapacita' tieghu ta' mandatarju specjali tal-istess attur. Daqstant kemm-il darba Dr. Micallef Trigona ma attendiex ghas-seduti ma kienx qed jonqos 'qua avukat' izda pjuttost bhala parti. Issa huwa minnu li Dr. Micallef Trigona naqas li jattendi ghall-ahhar zewg seduti billi f'dawk iz-zmienijiet kien gie mahtur Magistrat, anke kif jidher mill-verbal tas-seduta quddiem il-Bord tal-31 ta' Mejju 1995. Kien ghalhekk jispetta lill-attur li ghas-seduta segwenti jahtar prokuratur iehor biex jidher minfloku u mhux ma jaghmel xejn.

Il-Bord kien indulgenti meta iddiferixxa s-seduta tal-31 ta' Mejju 1995 u ma sar xejn fiha minhabba r-raguni fuq moghtija. Izda l-attur ma ghandux jippretendi li l-assenza tieghu fis-seduta sussegwenti kellha twaqqaf il-proceduri kollha. Il-principju ta' l-*audi alteram partem* jigarantixxi d-dritt ta' dak li jkun li jigi notifikat bil-proceduri kontra tieghu, li jidher ghall-istess u li jaghti x-xhieda u jaghmel is-sottomissjonijiet; izda dan id-dritt ma jistghax jigi reklamat bhala bazi ta' nullita' ta' proceduri kemm-il darba l-istess parti li tilmenta tkun naqset hija stess. Il-Qorti jew l-awtorita' fdata bir-rezoluzzjoni ta' kwistjoni bejn partijiet ma tistax toqghod lura minhabba nuqqasijiet ta' dak li jkun billi b'hekk jigu pregudikati l-interessi tal-kontro parti.

Illi mill-provi kollh prodotti jidher li l-Bord tal-Appell ma naqas bl-ebda mod mill-obbligi tieghu fil-konfront tal-attur. Anzi jidher li kemm-il darba s-seduti gew differit proprju fl-interess ta' l-istess attur li mhux talli kien notifikat biehom tramite r-*rappresentant* tieghu, tali ukoll, meta attenda inghata l-fakolta' li jaghmel is-sottomissjonijiet dwar il-kazi quddiem l-Bord.

Minn dan kollu din il-Qorti ma tarax li kien hemm xi ksur tad-dritt fondamentali invokat mill-attur u ghalhekk it-talba attrici ma tistax tirnexxi billi bazata proprju fuq vjolazzjoni ta' dan id-dritt.

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tarax il-htiega li tezamina u tiddecidi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Players/Coaches Complaints Board.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad it-talba attrici bl-ispejjes kollha kontra tieghu.

Onor Imhallef Albert J. Magri

Il-proceduri fuq imsemmija gew istitwiti meta l-attur kien assenti minn Malta billi kien telaq wara disgwid mal-Club fejn kien jahdem. Izda jirrizulta